MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Mandat Numru. 288/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2014**

**Fl-ismijiet:**

**Andrew (KI 295675M) u Natacha (KI 323702L) konjugi Zammit u Reuben (KI 301870M) u Danielle (KI 508173M) konjugi Demanuele**

**vs**

**Joseph Pavia (KI 219941M), Helen Pavia (KI 644643M), Annabella Pavia (KI 195173M), Ronald Pavia (KI 49426M), u Susan Pavia (KI 260168M), Edwin Pavia (KI 472967M) u Maria Concetta sive Marcon Pavia (KI 184064M); Mariella Xuereb Pavia (KI 597777M).**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors datat it-18 ta' Frar, 2014;

2. Rat id-digriet preliminari precedenti taghha datat id-19 ta' Frar, 2014,

3. Rat ir-risposta tal-intimati datat l-24 ta' Frar, 2014;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

6.0. Illi t-talba originali ghall-hrug tal-mandat *de quo* tista’ tigi sintentikament esposta bil-mod segwenti;

6.1. Illi l-intimati jridu jezegwixxu xoghlijiet ta’ thaffir u kostruzzjoni fl-area indikata fl-istess rikors promotur;

6.2. Illi dan jirrizulta li jista’ jingombra l-area in dizamina u konsegwentement inaqqas id-dritt ta’ passagg, arja u/jew ta’ dawl prezentement gawduti mir-rikorrenti;

6.3. Illi dawn ix-xoghlijiet huma proposti li jigu effettwati fil-bokka ta’ sqaq u konsegwentement iwassal biex din il-bokka tal-isqaq in dizamina riferit fir-rikors promotur ticcekken u tohloq inkonvenjent lir-rikorrenti;

6.4 Illi nonostante li tali xoghlijiet intizi mill-intimati huma muniti bil-permessi necessarji dawn xorta joholqu ksur irrimedjabbli tad-drittijiet li bhalissa jgawdu minnhom ir-rikorrenti;

6.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu il-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni fil-konfront tal-istess xoghlijiet proposti mill-intimati;

Ikkunsidrat;

7.0. Illi l-intimati jsostnu sintetikament is-segwenti;

7.1. Illi l-elementi mehtiega ghall-hrug ta’ tali mandat ma jezistux;

7.2. Illi r-rikorrenti ma ppruvawx id-dritt taghhom ta’ passagg kif minnhom vantat;

7.3. Illi l-intimati huma fortifikati bil-permessi relattivi ghall-izvilupp minnhom propost;

7.4. Illi l-izvilupp ha jkun fil-proprjeta` tal-intimati u mhux fl-isqaq inkriminat, u ghalhekk hu limitat ghall-proprjeta` tal-intimati;

7.5. Illi bl-izvilupp propost ir-rikorrenti mhux ser isofru minn pregudizzju irrimedjabbli;

7.6. Illi ghalhekk jitolbu li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat *de quo* tigi michuda, bl-ispejjez.

Ikkunsidrat;

8. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-iskop ghall-procedura odjerna hu li jzomm persuna milli taghmel xi haga tkun li tkun, li tista' tkun ta' hsara immedjata lill-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

9.0. Illi f'dan il-kaz tali persuna jinhtigilha li biex tista' tikkonkretizza tali talba, ghandha tipprova s-segwenti:

9.1. Illi trid turi li l-mandat mitlub hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament pretizi;

9.2. Illi jkun jidher li r-rikorrenti ghandu *prima facie* dawk id-drittijiet minnha pretizi;

Ikkunsidrat;

10.0 Illi l-fatti kif esposti jindikaw *prima facie* is-segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti jirrisjedu fuq in-naha ta' gewwa tal-isqaq in dizamina;

10.2. Illi x-xoghlijiet intenzjonati mill-intimati ser jolqtu l-entratura tal-imsemmi sqaq;

10.3. Illi din l-entratura fuq riferita ser tickien konsiderevolment bl-imsemmi zvilupp u konsegwentement ser tirristringi sostanzjalment l-istess entratura;

10.4. Illi dan ir-restringiment tal-bokka tal-isqaq ser zgur johloq pregudizzju irrimedjabbli lir-rikorrenti billi jilledilhom id-dritt taghhom gia` minnhom akkwizit ta’ entratura minghajr hafna disagg zejjed ghall-proprjeta` taghhom;

10.5. Illi kemm il-darba ssir il-kostruzzjoni ippjanata, ir-rikorrenti prima facie jitilfu b’mod irrimedjabbli din il-facilita` ekwivalenti ghall-dritt akkwizit minnhom precedentement akkwistata.

**DECIDE:**

11.0 Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ippruvaw it-talbiet taghhom skont il-lilgi, u filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati fuq riferita, u filwaqt ukoll li takkolji it-talbiet tar-rikorrenti:

11.1. Tiddikjara li qed tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat id-19 ta’ Frar, 2014;

11.2. Tiddikjara li qed tilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat t’inibizzjoni, u dan, b’mod issa permanenti;

11.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------